MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 766/1993/1

**Joseph Cini**

**vs**

**George Wells u Alex Galea bhala Diretturi ghan-Nom u in rappresentanza tas-socjeta` Stainless Steel Products Limited.**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

Fid-9 ta' Gunju 1993, l-attur Joseph Cini, pprezenta citazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, li biha wara li ppremetta li waqt li kien qieghed jahdem fuq il-post tax-xoghol tieghu bhala impjegat mas-socjeta` konvenuta, huwa korra u sofra dizabbilita` permanenti f'incident li sehh fl-10 ta' Lulju 1992. Bhala konsegwenza huwa tilef id-dawl ta' ghajnejh ix-xellugija. L-attur allega li l-incident sehh minhabba nuqqas ta' sigurta` bizzejjed fuq il-post tax-xoghol u minhabba negligenza, traskuragni u *non osservanza* tar-regolamenti da parti tas-socjeta` konvenuta. Ghalhekk huwa talab li din il-Qorti joghgobha tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni li sofra l-attur, u dan minhabba negligenza, traskuragni u *non osservanza* tar-regolamenti, li l-Qorti tillikwida d-danni ta' natura ta' *lucrum cessans* u *damnum emergens* sofferti mill-attur, kif ukoll tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

2. Is-socjeta` konvenuta ikkontestat il-kawza u sostniet li t-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez minhabba li s-socjeta` konvenuta qatt ma kienet b'xi mod traskurata jew negligenti u qatt ma operat minghajr it-tharis tar-regolamenti dwar il-protezzjoni tas-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol u qatt ma naqset li taghti s-sigurta` necessarja fuq il-post tax-xoghol.

3. Fil-kors tal-gbir ta' provi tqabbad perit legali kif ukoll perit mediku u dawn debitament halfu r-rapporti taghhom quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti.

4. L-ewwel Onorabbli Qorti tat id-decizjoni taghha fid-29 ta' Mejju, 2001. Hija laqghet it-talbiet ta' l-attur u ghalhekk iddikjarat lill-konvenuti *nomine* responsabbli ghad-danni li sofra l-attur u dan minhabba negligenza, traskuragni u *non osservanza* tar-regolamenti da parti taghhom; fit-tieni lok illikwidat id-danni ta' natura *lucrum cessans* sofferti mill-attur fl-ammont ta' sitt elef, mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm6,250) u fit-tielet lok ikkundannat lill-konvenuti *nomine* li jhallsu lill-attur is-somma hekk likwidata. Ordnat ukoll lis-socjeta` konvenuta thallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza kif ukoll l-imghaxijiet legali fuq is-somma likwidata li kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza. Kopja shiha ta'

din is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti qeghdha tigi annessa mal-prezenti bhala appendici biex tifforma parti integrali minnha, minhabba li l-istess sentenza fiha riassunt tal-provi u l-atti akkwiziti fil-process kif ukoll il-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti biex tasal ghad-decizjoni taghha.

## II. L-APPELL

5. Billi s-socjeta` konvenuta hassitha aggravata minn din id-decizjoni hija appellat minnha quddiem din il-Qorti b’rikors ipprezentat fil-15 ta’ Gunju, 2001. Ghar-ragunijiet hemm elenkati s-socjeta` konvenuta talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla l-imsemmija sentenza ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti billi tichad it-talbiet ta’ l-attur bl-ispejjez kollha tieghu wara li jigu akkolti l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u fil-kaz li din il-Qorti thoss li s-socjeta` konvenuta hija b’xi mod responsabbli, allura tirriforma l-istess sentenza fis-sens li ssib li l-attur ikkontribwixxa serjament tas-sinistru tieghu innifsu u *inoltre* li l-ammont likwidabbli lilu *in via* ta’ danni, ghandu jkun sostanzjalment anqas minn dak li gie likwidat mill-ewwel Onorabbli Qorti.

6. L-attur appellat ma pprezenta l-ebda risposta ghar-rikors ta’ l-appell tas-socjeta` appellanti, pero` huwa deher ghall-udjenzi mizmuma quddiem il-Qorti u d-difensur tieghu ikkontesta l-appell billi fl-udjenza tas-17 ta’ Marzu, 2004 huwa ghamel is-sottomissjonijiet orali tieghu dwar il-kaz u dan wara li d-difensur ta’ l-appellat kien ittratta l-aggravji tas-sentenza appellata.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

7. Jirrizulta li l-appellat kien ilu impjegat ghal zmien twil hafna mas-socjeta` konvenuta. Fl-10 ta’ Lulju, 1992 huwa korra fuq il-post tax-xoghol u b’rizultat ta’ dan l-incident huwa tilef id-dawl ta’ ghajnejh ix-xellugija. F’din il-kawza huwa qieghed jippretendi li t-tort ta’ l-incident in kwistjoni kien biss tas-socjeta` konvenuta. Huwa qieghed jitlob lil din il-Qorti biex tillikwida d-danni li sofra minhabba dan l-incident u ovvjament li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kundannata thallsu s-somma tad-danni hekk likwidata. Kif

rajna s-socjeta` konvenuta tikkontesta li hija responsabbli ghal dan l-incident u qeghdha tirritjeni li l-incident sehh minhabba tort uniku ta' l-attur appellat.

8. L-ewwel Onorabbli Qorti tat ragun lill-attur u illikwidat is-somma ta' sitt elef, mitejn u hamsin Lira (Lm6,250) bhala danni ta' natura *lucrum cessans* sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' dan l-incident. Is-socjeta` appellanti qeghdha tirritjeni li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-ligi kif ukoll tal-fatti. Din is-socjeta` ressqet diversi aggravji li din il-Qorti sejra titratthom wiehed wara l-iehor. L-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti jikkoncerna kritika li hija qeghdha taghmel fil-konfront tas-sentenza appellata ghall-mod kif fiha gew evalwati l-fatti li taw lok ghal dan l-incident. Hija qeghdha ssostni li l-ewwel Onorabbli Qorti vvalutat dawn il-provi zbaljatament u b'hekk waslet ghall-konkluzjoni zbaljata dwar ir-responsabbilita` ghall-incident.

9. Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn *si tratta* ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti, sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissuggerixxu mod iehor.

10. Id-dinamika ta' l-incident hija spjegata korrettement mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Fil-qosor, l-attur kien qed jahdem fuq *drilling machine*, kellu bzonn igib xi *soluble oil* u allura hu mexa lejn it-torn biex jiehu ftit ta' *soluble oil* minnu. Biex ghamel hekk, huwa ghadda minn spazju ristrett ta' bejn *portable welding set* u t-torn. Hemhekk tfixkel fil-*cables* tal-*welding set* jew zelaq fis-*soluble oil* li kien hemm ma' l-art, huwa waqa' fuq il-karru tal-*welding set* u hadida ppuntata ta' dan il- *welding set* dahlet f'ghajnejh u b'hekk gara l-incident. Is-socjeta` appellanti qeghdha tikkontesta dak li rriteniet l-ewwel Qorti u cioe` li hija ma pprovditx *a safe place of work and a safe system of work* ghaliex qeghdha tirritjeni li kien l-istess appellat li holoq periklu ghalih innifsu. Hija qeghdha ssostni li l-attur ma messux ghadda mill-ispazju ristrett li kien hemm bejn il-magni. Messu dar mal-magna fejn ma

kien hemm zlieq ta’ xejn. Sostniet ukoll li s-*soluble oil* messu mar igibu mill-i*store room* u mhux jipprokurah mill-magna tat-torn fejn seta’ kien hemm xi zjut fl-art. Hija tghid ukoll li l-appellat xehed li ma jafx jekk zelaqx fiz-zejt li kien hemm fl-art jew tfixkilx fil-*cables* tal-*welding*. Hija sostniet li dawn il-*cables* tal-*welding set* setghu ma kienux irromblati sewwa f’posthom illi seta’ kien l-appellat stess li ma rromblhomx b’dan il-mod f’posthom fuq il-*welding set*. Sostniet ukoll li l-*welding set* kien imrekken mal-hajt u ma kien jikkostitwixxi l-ebda perikolu ghall-haddiema.

11. Din il-Qorti gharblet sewwa l-provi kollha akkwiziti fil-process u ma tara li ngiebet ebda raguni gravi bizzejjed biex hija tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Onorabbli Qorti. Din il-Qorti hija sodisfatta li l-karru tal-*welding set* kien potenzjalment perikoluz ghall-haddiema ghax kien iddisinjat mis-socjeta` appellanti stess b’mod li kellu hadid ippuntat u kien facilment prevedibbli li dan il-hadid kien potenzjalment ta’ periklu ghal kulhadd. Ma jidhirx validu l-argument tas-socjeta` appellanti li l-incident kien jigi evitat li kieku l-appellat ma ghaddiex minn wara t-torn. Din il-Qorti jidhrilha li l-incident seta’ gie evitat li kieku s-socjeta` appellanti provdiet *a safe place of work* billi esegiet li wara li jintuza l-*welding set*, dan dejjem ikollu l-*cables* irromblati fuq il-karru tieghu minflok ma l-*cables* tal-*welding set* jithallew mifruxin fl-art. Barra minn dan is-socjeta` appellanti naqset meta ppermettiet li jithalla fl-art zejt li jiskula mill-magni, meta kien facilment previdibbli li haddiem seta’ facilment jizloq fuq dan iz-zejt. Min ihaddem ghandu dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jipprezenta ebda perikolu u riskju zejjed ghas-sahha tal-haddiem. Isegwi li min ihaddem ghandu dover ukoll li jipprovdi sorveljanza adegwata, inkluza dik li jipprovdi ghal certi nuqqasijiet tal-haddiema li ta’ sikwit ikollhom tendenza minhabba familjarita` zejda max-xoghol li jittraskuraw riskji inerenti fix-xoghol taghhom.

12. Is-socjeta` appellanti ikkritikat is-sentenza appellata fejn din irriteniet li l-konvenuti *nomine*:

“.... kellhom jipprovdu sistema ta’ supervizjoni fuq il-haddiema intiza biex jigu evitati incidenti bhalma gara fil-kaz odjern....”.

Is-socjeta` appellanti argumentat li billi l-attur kien persuna ta’ sittin sena, jaf l-affarijiet tieghu, allura ma kienx hemm bzonn li ssir xi tip ta’ supervizjoni. Tkompli tghid testwalment hekk:
“Jekk persuna bhall-attur kellu bzonn supervizjoni allura jsegwi li l-fabriki taghna jridu jkollhom id-doppju ta’ l-impjegati – wiehed biex jahdem u l-iehor biex jaghmel is-supervizjoni fuqu ghax kif idawwar wiccu s-*supervisor* u jigri incident, jigi ritenut li ma kienx hemm supervizjoni.”

15. Din il-Qorti jidhrilha li din l-ahhar imsemmija sottomissjoni tas-socjeta` appellanti hija pjuttost wahda frivola. Is-supervizjoni li evidentement l-ewwel Onorabbli Qorti kellha f’mohhha u li min ihaddem kellu obbligu li jipprovdi, certament ma kienetx tat-tip kif spjegat fl-aggravju msemmi tas-socjeta` appellanti. Is-sentenza appellata kienet qeghdha tirreferi ghall-obbligu ta’ min ihaddem li jipprovdi sorveljanza adegwata biex l-ambjent tax-xoghol jinzamm dejjem u kemm ic-cirkostanzi jippermettu *safe*, b’mod li dak l-ambjent bl-ebda mod m’ghandu jkun konducenti, anke potenzjalment, ghall-incidenti li jpoggu fil-periklu l-hajja jew is-sahha tal-haddiema. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, kien obbligu u dmir tas-socjeta` appellanti li jassiguraw li fuq il-post tax-xoghol ma jkunx hemm *cables* jiggerrew inutilment ma’ l-art u wisq izjed li jithalla zejt ma’ l-art. Kienu proprja dawn iz-zewg fatturi flimkien mad-disinn hazin tal-*welding set* bil-hadid ippuntat li kien fih li kienu l-kawza prossima ta’ l-incident li fih korra l-attur appellat.

16. Is-socjeta` appellanti ssottomettiet ukoll li jekk ghall-grazzja ta’ l-argument kellha tigi skartata s-sottomissjoni taghha li hija m’ghandha l-ebda responsabbilita` ghall-accident in kwistjoni, allura kellu jsegwi li l-attur appellat, almenu, ghandu jigi ritenut li ikkontribwixxa ghall-incident tieghu nnifsu u ghandu ghalhekk jerfa’ parti sostanzjali minn din ir-responsabbilita`.

17. Din il-Qorti, bhal ewwel Qorti, ma jidhrilhiex li l-attur b’xi mod ikkontribwixxa l-incident meritu tal-kawza, ghaliex kif gie ritenut aktar qabel f’din is-sentenza il-kawza prossima ta’ l-incident kienet derivanti minn nuqqas ta’ osservanza ta’ l-obbligi fid-dmirijiet li s-socjeta` appellanti kellha *vis a` vis* l-impjegat taghha, l-attur appellat.

18. Is-socjeta` appellanti mbaghad ghaddiet biex tikkritika l-likwidazzjoni li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti ghad-danni pretizi mill-appellat. Tressqu zewg aggravji ghal-likwidazzjoni li saret fis-sentenza appellata. L-ewwel ilment ta’ l-appellanti jikkonsisti fis-sottomissjoni li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta rriteniet li l-attur appellat sofra debilita` permantenti fuq persuntu ta’ hamsa u ghoxrin fil-mija (25%). Invece l-ewwel Qorti kellha ssib li d-debilita` permanenti ta’ hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) kienet biss fuq ghajn wahda ta’ l-attur u mhux fuq persuntu kollha. Anke din is-sottomissjoni hija wahda fjakka u pjuttost frivola ghaliex jirrizulta mill-provi akkwiziti fil-process li d-debilita` permanenti li sofra l-attur tikkoncerna l-persuna tieghu kollha, fil-fatt dan gie accettat mid-difensur tas-socjeta` appellanti fil-kors tat-trattazzjoni orali li semghet din il-Qorti.

19. Is-socjeta` appellanti lmentat ukoll li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet hazin meta applikat *multiplier* ta’ hames snin meta irrizulta li l-attur kellu sittin (60) sena meta korra u li normalment haddiem jirtira meta jkollu wiehed u sittin (61) sena. Ilmentat ukoll li l-ewwel Qorti ma tatx ragunijiet ghaliex applikat *multiplier* daqshekk twil f’dan il-kaz.

20. Din il-Qorti ma tistax tilqa’ lanqas dan l-aggravju tas-socjeta` appellanti. Dan ghas-semplici raguni li llum il-gurnata l-hajja lavorattiva tal-bniedem mhux bilfors tezawrixxi ruhha meta persuna taghlaq il-wiehed u sittin (61) sena. F’dawn l-ahhar snin il-*life expectancy*, kemm ta’ l-irgiel, kif ukoll tan-nisa zdiedet b’mod sinifikattiv u certament m’huwiex xi kaz izolat li haddiem jirtira mill-impjieg li jkollu u jibqa’ jahdem – sia pure f’xi xoghol anqas impenjattiv wara li jghalaq il-wiehed u sittin (61) sena. Fil-kaz odjern, l-attur kien bniedem tas-sengha u

din il-Qorti jidhrilha li s-somma li illikwidat l-ewwel Qorti bhala kumpens ghad-danni li sofra l-attur bhala *lucrum cessans* hija somma ragonevoli meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

21. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti fil-kawza fl-ismijiet premessi fid-29 ta' Mejju, 2001 u filwaqt li tordna li l-imghax legali fuq is-somma likwidata ghandhom jiddekorru mill-ahhar imsemmija data, cioe` tas-sentenza appellata, tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza wkoll ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta` appellanti.

Deputat Registratur
df

**APPENDICI**

Kopja tad-decizjoni moghtija fid-29 ta' Mejju 2001, qeghdha tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------